MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 445/2014

**Cristino Vassallo (ID 313935M)**

**Irina Vassallo (ID57026A) ghal kull interess li jista' ikollha**

*Casa Maria Pia, 29, Triq il-Kullegg*

*Rabat RBT 1403*

**vs**

**Ramona Vassallo (ID413371M)**

*279-280 Triq San Pawl,*

*San Pawl il-Bahar*

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Cristino Vassallo et datat it-22 ta’ Mejju 2014 u d-dokumenti annessi mieghu;

Rat li l-intimata Ramona Vassallo, debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-Ligi baqghet kontumaci minkejja li giet imsejha tlett darbiet biex tidher quddiem din il-Qorti.

Peress li fic-cirkostanzi t-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat jidhru gustifikati u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smigh tal-kawza, skont il-procedura tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili.

## II. KONKLUZJONI

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi **tilqa'** t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors guramentat premess b'dan li l-intimata ghandha fi zmien perentorju ta’ xahar millum tizgombra mill-fondi urbani 279 u 280 fi Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar liema proprjeta` l-intimata qed tokkupa minghajr l-ebda titolu validu fil-ligi, u tirrilaxxa l-istess immobbli bhala liberi u bil-pussess battal favur ir-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimata u b'riserva favur ir-rikorrenti ta' kull azzjoni ohra lilhom spettanti.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------